# XERBETT

*Ta'* G. A. Cilia

*Lis-Sur Antonio Valletta*
*li tant għallem lit-tfal*
*iħobbu l-ward u x-xtieli.*

Tisreġ ix-xemx mikwija,
Taħmi s-sinek bil-qilla;
L-art kollha niexfa qoxqox
Minn żmien il-ħsad tas-silla.
Ħadrani biss mal-plajja
Isaltan ix-Xerbett,

Warda sultana,
Rasek imżejna,
Wieqfa, setgħana,
B'kuruna deheb.

Int bħali tħobb il-baħar,
Il-mewġ qalbek tħennilek,
Titgħaxxaq tisma' l-għanja:
Meriłl helu jgħannilek
Ta' l-eħrex blat il-ġrajja
Taf tinseġ sħiħ Xerbett,

Ħames par sjuf (1)
Iżejnu 'l rasek
F'dawra fi truf
Moħba topazji.

Fid-difa t'għodu sajfi
Mulett tal-fidda jilma,
Xi lhudi bħal qawsalla
Iżiġġ, jitliegħeb fl-ilma.
Idduq il-għaxqa ħajja
Tal-bnazzi, ja Xerbett

Weraq bħal labar
Zokk sħiħ imgħaddam
Fi ħdanu ġabar
Sfiq donnhom bosk.

Il-mewġ ikisser, jitħan,
Fost beraq, rgħad u riħ,
Bħal ljun bir-ragħwa f'ħalqu
U jċekċek snienu sħiħ;
Daqs sur fl-irdum, fil-plajja,
Tiqaflu int, Xerbett.

Imsensla għeruqek
Lil artna jħarsu,
Raxx mielaħ fuqek
Dlonk iqawwik.

Ix-xjuħ foqra ta' dari,
Bil-melħ u l-ħall ifuħ,
Il-weraq laħmi tiegħek
Bnin marenat jagħmluh (2);
B'hekk it-toqol tal-ħajja
Tħaffilhom kont, Xerbett.

Rasi għajjiena
Fuqek inserraħ
Wisq drabi jiena
Fid-dell ta' blata.

Fil-moħbi bla tinħamar
Lil Malta tħobb, tħarisha
Biex ġmielha ma jiċkienx,
Biex bħalek inwennisha,
Safja nżommilha l-ġrajja
Dehni nagħtik, Xerbett.

Ħaddar, ja xitla,
B'tama timlieni:
Lili u lil Malta
L-isbaħ ġejjieni.

---

(1) *Sjuf* plural ta' *sejf*. Il-warda tax-xerbett imdawra b'għaxar raġġi.

(2) Ara l-kelma "xerbett" fir-"Repertorio" ta' Gavino Gulia stampat fl-1858.